1442.	Viktor Leonidovich YEVTUKHOV (Виктор Леонидович ЕВТУХОВ)	Funzjoni: Kap tal-Presidential Department of the Russian Federation on State Policy in the Field of the Military-Industrial Complex (MIC); eks Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ (2012-2014); eks Segretarju tal-Istat tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ (2014-2024) Data tat-twelid: 2.3.1968 Post tat-twelid: Leningrad, USSR, (illum Saint Petersburg, Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 781001361883	Viktor Yevtukhov huwa l-Kap tal-Presidential Department of the Russian Federation on State Policy in the Field of the Military-Industrial Complex (MIC), li jiżgura l-implimentazzjoni tal-politika tal-istat kif stabbilit mill-President fil-qasam tal-MIC (inkluż li jassisti lill-President u jaġixxi f'ismu). F'dik il-kapaċità, Viktor Yevtukhov huwa responsabbli għal azzjonijiet u attivitajiet tad-Dipartiment Presidenzjali li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Viktor Yevtukhov huwa wkoll eks Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ u eks Segretarju tal-Istat tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ. F'dik il-kapaċità, kien responsabbli għal azzjonijiet u attivitajiet tal-Ministeru li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1456.	Sergey Yurievich TOLMACHEV (Сергей Юрьевич ТОЛМАЧЕВ)	Funzjoni: eks Viċi Kap tal-Amministrazzjoni Militari-Ċivili taz-'Zaporizhzhia region' anness illegalment; eks 'Viċi Gvernatur' taz-'Zaporizhzhia region' anness illegalment; eks 'Viċi Gvernatur' tas-City of Sevastopol annessa illegalment Data tat-twelid: 5.7.1972 Post tat-twelid: Krasnoyarsk, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: il-President Vladimir Putin	Sergey Tolmachev huwa kien l-hekk imsejjaħ Viċi Kap tal-Amministrazzjoni Militari-Ċivili tar-'reġjun ta' Zaporizhzhia'. Huwa kien ukoll l-hekk imsejjaħ 'Viċi Gvernatur tar-reġjun ta' Zaporizhzhia' u eks Viċi Gvernatur tal-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment. F'dawk ir-rwoli, Sergey Tolmachev kien involut fit-tħejjija tal-organizzazzjoni tal-'elezzjonijiet' lokali u parlamentari f'reġjun anness illegalment tal-Ukrajna. Sergey Tolmachev kien involut ukoll fl-organizzazzjoni tar-referenda illegali li saru f'Settembru 2022 fir-reġjun tal-Ukrajna Zaporizhzhia anness illegalment. F'dawk ir-rwoli, Sergey Tolmachev kien responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Istat, inkluż ir-rikonoxximent illegali tar-'reġjun ta' Zaporizhzhia' bħala parti mir-Russja. F'dik il-kapaċità, u permezz tal-azzjonijiet tiegħu, huwa għalhekk responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1475.	Viktoria Vyacheslavovna YAKIMOVA (Виктория Вячеславовна ЯКИМОВА	Funzjoni: President tal-Bord tal-Gulfstream Foundation u kontributur għall-hekk imsejħa azzjoni 'ta' karità' tar-Russja 'Into the Hands of Children' Nazzjonalità: Russa Post tat-twelid: Rovenky, Ukraine Sess: mara	Viktoria Yakimova hija waħda mill-kontributuri ewlenin għall-hekk imsejħa 'missjoni umanitarja' tar-Russja bl-isem 'Into the Hands of Children'. Fil-qafas tal-azzjoni 'Into the Hands of Children', l-awtoritajiet Russi – immexxija mill-Kummissjoni Russa għad-Drittijiet tat-Tfal – fittxew li jiddeportaw u jpoġġu għall-adozzjoni b'mod illegali tfal Ukreni bl-iskuża ta' 'assistenza umanitarja' matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. F'diversi dehriet pubbliċi, Viktoria Yakimova kkonfermat li hija kontributur attiv għall-azzjoni 'Into the Hands of Children'. Regolarment isservi bħala kelliem ewlieni għall-hekk imsejħa 'missjoni umanitarja'. Huwa importanti l-fatt li, mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, ir-Russja ttrasferiet ħafna persuni ċivili Ukreni lejn żoni okkupati mir-Russja jew lejn ir-Russja nnifisha filwaqt li spiss evitat jew impediet li dawk il-persuni ċivili jkollhom passaġġ sikur lejn partijiet mhux okkupati tal-Ukrajna. Viktoria Yakimova hija waħda mill-persuni ewlenin involuti fid-deportazzjoni ta' tfal Ukreni bil-forza lejn ir-Russja u l-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom f'familji Russi. L-azzjonijiet ta' Viktoria Yakimova jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Viktoria Yakimova hija responsabbli għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1478.	Alexandr Semenovich BROD (Александр Семёнович БРОД)	Funzjoni: Membru tal-Presidential Council for the Development of Civil Society and Human Rights President tal-kunsill ta' koordinazzjoni tal-organizzazzjoni pubblika pan-Russa 'Lawyers for the rights and worthy life of a person' Data tat-twelid: 19.8.1969 Post tat-twelid: Kuibyshev, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: il-President Vladimir Putin	Alexandr Brod huwa avukat Russu u difensur tad-drittijiet tal-bniedem leali lejn il-Kremlin. Huwa membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, huwa ġġustifika l-invażjoni mir-Russja, u xerred propaganda u diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra. Huwa ċaħad ir-responsabbiltà tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa għal delitti tal-gwerra mwettqa f'Bucha, u akkuża b'mod falz lill-forzi Ukreni bil-massakru. Huwa xerred ukoll misinformazzjoni dwar delitti Nażisti allegati mwettqa mill-Gvern tal-Ukrajna kontra l-poplu tiegħu stess. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1479.	Valery Aleksandrovich FADEYEV (Валерий Алексаандрович ФАДЕЕВ)	Funzjoni: Ġurnalist, eks-segretarju tas-Civic Chamber of the Russian Federation, President attwali tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights Data tat-twelid: 10.10.1960 Post tat-twelid: Tashkent, USSR (illum Uzbekistan) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: il-President Vladimir Putin	Valery Fadeyev huwa l-president tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights. Huwa għen biex dak il-korp jiġi subordinat għal-linja politika tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa mal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Huwa konsulent ta' Vladimir Putin. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, huwa ġġustifika l-invażjoni mir-Russja, u xerred diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra u propaganda dwar il-gwerra. Huwa appoġġa l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mill-Federazzjoni Russa fl-2014, u r-referenda illegali fit-territorji okkupati temporanjament tal-Ukrajna fl-2022. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1480.	Igor Stanislavovich ASHMANOV (Игорь Станиславович АШМАНОВ)	Funzjoni: Membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights, espert tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni, Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Ashmanov &Partners, President ta' Kribrum Data tat-twelid: 9.1.1962 Post tat-twelid: Moscow, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Valery Fadeyev	Igor Ashmanov huwa imprenditur Russu espert fl-IT. Huwa membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights. Huwa kien persuna ta' fiduċja tal-kandidat fil-kariga Vladimir Putin matul il-kampanja presidenzjali tiegħu fl-2018. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, huwa ġġustifika l-invażjoni mir-Russja, u xerred propaganda u diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra. Huwa kien favur li tissaħħaħ iċ-ċensura tal-gwerra fil-Federazzjoni Russa. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1482.	Alexandr Igorevich KOTS (Александр Игоревич КОЦ)	Funzjoni: Membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights, Membru tal-grupp ta' ħidma dwar l-'operazzjoni militari speċjali' (gwerra) fl-Ukrajna, Korrispondent speċjali ta' Komsomolskaya Pravda Data tat-twelid: 3.11.1978 Post tat-twelid: Sakhalinsk Oblast, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Valery Fadeyev	Alexandr Kots huwa korrispondent speċjali tat-tabloid favur il-Kremlin, Komsomolskaya Pravda. Huwa membru tal-Presidential Council for the Development of Civil Society and Human Rights, fejn huwa parti mill-grupp ta' ħidma dwar l-'operazzjoni militari speċjali' (gwerra) fl-Ukrajna. Huwa appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa xerred diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra u propaganda dwar il-gwerra u r-referenda illegali fit-territorji okkupati temporanjament tal-Ukrajna. Huwa appella għal attakki Russi fuq l-infrastruttura ċivili tal-Ukrajna mingħajr ebda ħsieb dwar kif dan jaffettwa l-popolazzjoni ċivili tal-pajjiż. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1546.	Muslim Magomedovich KHUCHIEV (bir-Russu: Муслим Магомедович ХУЧИЕВ) (bl-Ukren: Муслім Магомедович ХУЧІЄВ)	Funzjoni: Assistent tal-Prim Ministru tal-Federazzjoni Russa, eks President tal-Gvern taċ-Chechen Republic; eks President taċ-Chechen Republic Data tat-twelid: 5.8.1971 Post tat-twelid: Zakan-yurt, Achkhoy-Martanovsky district, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Ramzan Kadyrov	Muslim Khuchiev huwa Assistent tal-Prim Ministru tal-Federazzjoni Russa u l-eks President tal-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċeċenja. F'dan ir-rwol, Muslim Khuchiev kien involut mill-qrib ma' Ramzan Kadyrov fil-pjanijiet ta' produzzjoni militari taċ-Ċeċenja għall-użu mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tal-Ukrajna, ir-Russja ttrasferiet ħafna ċittadini Ukreni lejn ir-Repubblika taċ-Ċeċenja. Muslim Khuchiev kien wieħed mill-persuni ewlenin involuti fid-deportazzjoni bil-forza ta' tfal Ukreni bil-forza lejn ir-Russja u l-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet tiegħu jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Muslim Khuchieva huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1484.	Maxim Adolfovich ZAMSHEV (Максим Адольфович ЗАМШЕВ)	Funzjoni: Membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights Kap editur ta' Literaturnaya Gazeta, Viċi President tal-bord tal-fergħa ta' Moska tal-Union of Writers of Russia, Membru tal-Union of Journalists of Russia Data tat-twelid: 27.4.1972 Post tat-twelid: Moscow, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Valery Fadeyev	Maxim Zamshev huwa kittieb Russu. Huwa membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights. Huwa wkoll il-kap editur ta' Literaturnaya Gazeta. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, huwa appoġġa l-invażjoni mir-Russja, u xerred propaganda u dižinformazzjoni Russa dwar il-gwerra. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1485.	Nikolai Fyodorovich IVANOV (Николай Фёдорович ИВАНОВ)	Funzjoni: Membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights, President tal-Bord tal-organizzazzjoni pubblika pan-Russa 'Union of Writers of Russia' Data tat-twelid: 8.6.1956 Post tat-twelid: Strachovo, Briansk Oblast, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Valery Fadeyev	Nikolai Ivanov huwa kittieb u propagandist Russu. Huwa membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights. Huwa wkoll president tal-bord tal-Union of Writers of Russia. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, huwa appoġġa l-azzjonijiet tar-Russja, u xerred propaganda u diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra. Huwa uża pubblikament is-simbolu militari 'Z', li ntuża mill-propaganda Russa biex tippromwovi l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1548.	Vladimir Mikhailovich MOROZOV magħruf ukoll bħala Uladzimir Mikhailavich MAROZAU (bir-Russu: Владимир Михайлович МОРОЗОВ) (bil-Belarussu: Уладзімір Міхайлавіч МАРОЗАЎ)	Funzjoni: eks Kap ta' Belarusian Railways Data tat-twelid: 1965 Post tat-twelid: Buda-Koshelevo, Gome region, USSR (illum Belarus) Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Vladimir Morozov huwa l-eks Kap ta' Belarusian Railways, li joperaw servizz ferrovjarju bejn ir-Russja u l-Belarussja. F'dan ir-rwol, huwa appoġġa l-istazzjonament u t-trasport ta' persunal militari Russu u tagħmir involut fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Vladimir Morozov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1604.	Anna Evgenievna TSIVILEVA magħrufa wkoll bħala Anna Evgenievna TSIVILYOVA magħrufa wkoll bħala Anna Evgenievna TSIVILYOVA (Анна Евгеньевна ЦИВИЛЁВА)	Funzjoni: Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa; President tal-Fondazzjoni 'Defenders of the Fatherland'; President tal-Council for Guardianship in the Social Sphere of the Kemerovo Region Membru tal-Council of the Eurasian Women's Forum under the Federation Council of Russia Data tat-twelid: 9.5.1972 Post tat-twelid: Ivanovo, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 771921270207 Sess: mara	Anna Tsivileva hija l-Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa u l-President tal-Fondazzjoni 'Defenders of the Fatherland'. Hija l-mara ta' Sergey Evgenievich Tsivilev, li huwa l-gvernatur tal-Oblast Kemerovo. Hija wkoll qariba tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Il-Fondazzjoni 'Defenders of the Fatherland' għandha rwol importanti fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna peress li tappoġġa lill-veterani li ħadu sehem fl-azzjonijiet militari fl-Ukrajna. Il-Fondazzjoni topera wkoll fit-territorji okkupati illegalment tal-Oblasts ta' Donetsk u Luhansk u l-Krimea. Il-Fondazzjoni kkonkludiet ftehimiet ma' diversi organizzazzjonijiet u gvernijiet lokali oħra għall-finijiet ta' appoġġ għall-veterani tal-gwerra ta' aggressjoni. Il-Fondazzjoni tappoġġa l-veterani, inkluż ġellieda minn Donetsk u Luhansk. Il-Fondazzjoni hija involuta wkoll fir-riabilitazzjoni tal-veterani għar-ritorn tagħhom fis-servizz attiv għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Anna Tsivileva setgħet issir President tal-Fondazzjoni 'Defenders of the Fatherland' bis-saħħa tar-relazzjoni mill-qrib tagħha mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Għaldaqstant, Anna Tsivileva tibbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Fir-rwol tagħha, hija qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Hija wkoll assoċjata mal-Fondazzjoni 'Defenders of the Fatherland'.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1600.	Boris Viktorovich OBNOSOV (Boris Viktorovič OBNOSOV) (Борис Викторович ОБНОСОВ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC Tactical Missiles Corporation Data tat-twelid: 26.1.1953 Post tat-twelid: Moscow, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Indirizz: 7 Ilyicha Street, Korolov, Moskovskaya Oblast, Russian Federation Sess: raġel	Boris Obnosov huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC Tactical Missiles Corporation. Tactical Missiles Corporation tiżviluppa, timmanifattura, timmodernizza, issewwi u tmantni sistemi tal-armi tal-avjazzjoni mill-ajru għall-art u mill-ajru għall-ajru strateġiċi u tattiċi ta' preċiżjoni għolja u sistemi tal-armi marittimi unifikati tal-Forzi Armati Russi. L-armi manifatturati minn Tactical Missiles Corporation jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Obnosov jiltaqa' regolarment mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin biex jinfurmah dwar l-istatus kummerċjali ta' Tactical Missiles Corporation. Fl-2021 ġie ppremjat bl-ogħla titolu onorarju 'Hero of the Russian Federation'. F'Jannar 2022, xahar qabel il-gwerra, Obnosov kellu laqgħa personali mal-President Vladimir Putin. F'April 2022 irċieva l-premju ta' 'Marshal of the Soviet Union Georgy Zhukov' fil-qasam tal-armamenti u t-tagħmir militari. Għalhekk Boris Obnosov qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk qed jappoġġa u jibbenifika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa wkoll negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u huwa assoċjat ma' JSC Tactical Missiles Corporation.	18.12.2023
1606.	Oleg Leonidovich KHOROKHORDIN (Олег Леонидович ХОРОХОРДИН)	Funzjoni: eks Kap tal-Altai Republic Data tat-twelid: 3.4.1972 Post tat-twelid: Glushinka, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Oleg Khorokhordin huwa l-eks Kap ta' Altai, Repubblika tal-Federazzjoni Russa. Fir-rwol tiegħu bħala l-Kap tal-Altai Republic (Repubblika ta' Altai), huwa pparteċipa fl-isforzi ta' mobilizzazzjoni tal-gvern Russu biex jirrekluta suldati għall-gwerra ta' aggressjoni tiegħu kontra l-Ukrajna. Huwa dderieġa bidliet leġiżlattivi biex jiġu appoġġati s-suldati Russi u l-familji tagħhom. Huwa wassal ukoll personalment tagħmir militari pprovdut mir-Repubblika ta' Altai lil suldati skjerati fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Huwa ġġustifika b'mod konsistenti l-annessjoni illegali tal-Krimea u l-azzjonijiet tal-forzi armati tar-Russja fl-Ukrajna u ta medalji lis-suldati. Taħt it-tmexxija tiegħu, ir-Repubblika ta' Altai wieġħdet li tipparteċipa fir-restawr Russu tat-territorji okkupati illegalment tal-Ukrajna bl-għan li tintegrahom fil-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Oleg Khorokhordin qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1648.	Igor Vladimirovich KRYLOV (Игорь Владимирович КРЫЛОВ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Joint-Stock Company 'State Scientific and Production Enterprise "Region"' Data tat-twelid: 22.7.1960 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Igor Krylov huwa d-Direttur Ġenerali tal-Kumpanija b'Ishma Konġunti (JSC) 'State Scientific and Production Enterprise "Region"', li hija żviluppatur u fornitur ewlieni Russu ta' bombi ggwidati għall-avjazzjoni tal-ewwel linja. JSC Region tipproduċi magni navali u tal-avjazzjoni u armamenti navali u tal-avjazzjoni, kif ukoll sistemi ta' kontromiżuri għall-mini għall-Ministeru tad-Difiża Russa. Barra minn hekk, JSC 'State Scientific and Production Enterprise "Region"' hija sussidjarja ta' JSC Tactical Missile Armament Corporation li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari u ta' difiża tar-Russja. Għalhekk, fil-kapaċità tiegħu bħala d-Direttur Ġenerali ta' JSC 'State Scientific and Production Enterprise "Region"', Igor Krylov qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa qed jappoġġa wkoll materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed jibbenefika minnu.	23.2.2024
1664.	Artem Vladimirovich ZHOGA magħruf ukoll bħala Artyom Vladimirovich ZHOGA (Артём Владимирович ЖОГА)	Funzjoni: President tal-hekk imsejjaħ 'People's Council of the Donetsk People's Republic'; Rappreżentant Plenipotenzjarju Presidenzjali għall-Urals Federal District Kmandant preċedenti tal-Battaljun ta' Sparta Data tat-twelid: 18.1.1975 Post tat-twelid: Shirokiy, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Artem Zhoga ilu l-President tal-hekk imsejjaħ 'People's Council of the Donetsk People's Republic' mill-20 ta' Settembru 2023 u r-Rappreżentant Plenipotenzjarju Presidenzjali għall-Urals Federal District mit-2 ta' Ottubru 2024. Minn Mejju 2022 sa Diċembru 2023, huwa kien il-Kmandant tal-Battaljun ta' Sparta, grupp separatista armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. Billi assuma u aġixxa f'dawk il-kapaċitajiet, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/527/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1667.	Alexey Gennadyevich DYUMIN (Алексей Геннадьевич ДЮМИН)	Funzjoni: Assistent Presidenzjali tal-President tar-Russian Federation dwar il-kumpless militari-industrijali Membru tal-Kunsill tas-Sigurtà Russu Gvernatur tat-Tula Oblast Data tat-twelid: 28.8.1972 Post tat-twelid: Kursk, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexey Dyumin ilu l-Assistent Presidenzjali tal-President tal-Federazzjoni Russa mill-14 ta' Mejju 2024, u membru tal-Kunsill tas-Sigurtà Russu mit-30 ta' Settembru 2024. Fir-rwol tiegħu bħala Assistent Presidenzjali, huwa jissorvelja kwistjonijiet li jikkonċernaw il-kumpless militari-industrijali, jiżgura l-attivitajiet tal-Kunsill tal-Istat, u l-iżvilupp tal-isport. Huwa kien Gvernatur tat-Tula Oblast bejn l-2016 u l-2024. Preċedentement, mexxa l-Forzi tal-Operazzjonijiet Speċjali tal-militar Russu, u ssorvelja l-annessjoni tal-Krimea fl-2014. Fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, huwa ssorvelja personalment il-mobilizzazzjoni tas-suldati fit-Tula Oblast, kien involut fit-tnedija ta' skola għat-taħriġ dwar id-droni għal operaturi li jwettqu missjonijiet fl-Ukrajna, u stabbilixxa miżuri ta' appoġġ għall-produzzjoni ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ fl-industrija tad-difiża fl-Oblast ta' Tula. Huwa kien responsabbli għall-koordinazzjoni tar-rispons armat għall-offensiva fit-territorju ta' Kursk f'Awwissu 2024. Billi assuma u aġixxa f'dawk il-kapaċitajiet, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1676.	Grigory Alexandrovich GUROV (Григорий Александрович ГУРОВ)	Funzjoni: Kap tal-Federal Agency for Youth Affairs (Rosmolodezh); eks President tal-Bord tal-All-Russian Social and State movement of children and youth 'Movement of the First' (Moviment Soċjali u Statali Totalment Russu għat-Tfal u ż-Żgħażagħ 'Movement of the First') Data tat-twelid: 31.10.1985 Post tat-twelid: Stavropol, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Grigory Gurov ilu l-Kap tal-Aġenzija Federali għall-Affarijiet taż-Żgħażagħ (Rosmolodezh) mill-14 ta' Settembru 2024. Kien il-President tal-Bord tal-'Movement of the First', organizzazzjoni taż-żgħażagħ immexxija mill-istat fir-Russja, sal-2024. L-organizzazzjoni nħolqot fuq l-inizjattiva tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin biex tipprovdi attivitajiet edukattivi, inkluż ta' natura militarizzata, għal tfal ta' bejn is-6 u t-18-il sena, abbażi ta' 'għanijiet spiritwali u morali tradizzjonali Russi'. Matul il-mandat tiegħu, it-tfal li huma membri tal-moviment kellhom laqgħat ma' suldati li ġġieldu fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, bagħtu kartolini u ittri ta' appoġġ lis-suldati kif ukoll ħejjew tagħmir biex jintuża fil-kamp tal-battalja, u tgħallmu kif iħaddmu d-droni. Barra minn hekk, il-moviment organizza logħob tal-gwerra għat-tfal, li rreplika u ssimula sitwazzjonijiet ta' battalja. Dawn l-attivitajiet twettqu fir-reġjuni Russi kollha kif ukoll fil-Krimea annessa illegalment, u fit-territorji okkupati illegalment tal-Ukrajna tar-reġjuni ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia. Permezz tad-diversi programmi tiegħu, il-Moviment huwa għalhekk iwettaq riedukazzjoni tat-tfal Ukreni, inkluż dawk deportati lejn ir-Russja illegalment. Billi assuma u aġixxa f'dawk il-kapaċitajiet, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2024
1738.	Kang Sun NAM	Funzjoni: eks Ministru għad-Difiża tad-Democratic People's Republic of Korea Post tat-twelid: Democratic People's Republic of Korea Nazzjonalità: Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea Sess: raġel	Kang Sun Nam huwa l-eks Ministru għad-Difiża tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK). F'dik il-pożizzjoni, huwa ssorvelja l-iżvilupp tal-programm illegali ta' missili ballistiċi tar-RDPK u kien involut direttament fil-kooperazzjoni militari bejn ir-RDPK u l-Federazzjoni Russa, li wasslet biex ir-RDPK tipprovdi munizzjon lir-Russja sabiex tkompli l-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Il-missili ballistiċi ddisinjati, żviluppati u prodotti mir-RDPK tabilħaqq intużaw mill-Forzi Armati Russi kontra l-Ukrajna. Kang Sun Nam appoġġa u ġġustifika pubblikament il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa b'hekk qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/527/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1758.	Alexander Alexeyevich MOISEYEV (Александр Алексеевич МОИСЕЕВ)	Funzjoni: Ammiral; Kap Kmandant tal-Flotta Navali Russa Data tat-twelid: 16.4.1962 Post tat-twelid: Borskoye, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	L-Ammiral Alexander Moiseyev ilu l-Kap Kmandant tal-Flotta Navali Russa mit-2 ta' April 2024. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal kwalunkwe operazzjoni marittima tal-Flotta Navali Russa, inkluż kontra l-Ukrajna. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024
1778.	Valery Alexandrovich GABRIEL (Валерий Александрович ГАБРИЭЛЬ)	Funzjoni: azzjonist kokontrollanti tal-Volga Dnepr Group Data tat-twelid: 1.3.1956 jew 3.1.1956 Post tat-twelid: Starobelsk, Luhansk region, USSR (illum Ukraine) Nazzjonalità: Russa, Ġermaniża Sess: raġel Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 732808701175 Numri tal-passaport: 7314052448, 7303853921, 719078124	Valery Gabriel huwa wieħed mill-azzjonisti kokontrollanti (b'sehem ta' 25 %) tal-Volga Dnepr Group, kumpanija azzjonarja ewlenija Russa tat-trasportatur tal-ajru, li tispeċjalizza fit-trasport ta' merkanzija tqila permezz ta' charters domestiċi u internazzjonali u operazzjonijiet skedati. Sa mill-bidu tal-gwerra ta aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Volga Dnepr Group kellu rwol kruċjali fil-manutenzjoni tal-kumpless militari-industrijali tar-Russja u fl-għoti ta' servizzi tat-trasport bl-ajru għal finijiet militari Russi. Volga Dnepr Group huwa wkoll il-kumpanija prinċipali ta' Volga Dnepr Airlines LLC. Il-flotta ta' Volga Dnepr Group tikkonsisti minn 12-il ajruplan tat-tip Antonov An-124, ħames Boeing 747-8F u ħames IL-76TD-90VD (IV). Volga Dnepr Airlines LLC, għandha operazzjonijiet tal-ajru sinifikantiu tipprovdi servizzi tat-trasport f'setturi ta' sinifikat strateġiku għall-Gvern Russu, billi timporta minn pajjiżi terzi tagħmir elettroniku, tal-IT u tal-komunikazzjoni, li huma rilevanti għall-isforzi tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Għar-rwol kruċjali tiegħu fl-appoġġ tal-Federazzjoni Russa, il-Volga Dnepr Group irċieva sussidji ta' appoġġ mill-Gvern Russu. Għalhekk, Valery Gabriel qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed jibbenifika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1782.	Vildan Khanifovich ZINUROV (Вильдан Ханифович ЗИНУРОВ) magħruf ukoll bħala Vildan Khanifovich ZINNUROV magħrufa wkoll bħal Вильдан Ханифович ЗИННУРОВ	Funzjoni: azzjonist kokontrollanti tal-Volga Dnepr Group Data tat-twelid: 30.1.1964 Post tat-twelid: Pokhvistnevsky district, Samara region, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 732500186500 Numri tal-passaport: 7308664347, 7303853009	Vildan Zinurov huwa wieħed mill-azzjonisti kokontrollanti (b'sehem ta' 25 %) tal-Volga Dnepr Group, kumpanija azzjonarja ewlenija Russa tat-trasport bl-ajru, li tispeċjalizza fit-trasport ta' merkanzija tqila permezz ta' charters domestiċi u internazzjonali u operazzjonijiet skedati. Sa mill-bidu tal-gwerra ta aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Volga Dnepr Group kellu rwol kruċjali fil-manutenzjoni tal-kumpless militari-industrijali tar-Russja u fl-għoti ta' servizzi tat-trasport bl-ajru għal finijiet militari Russi. Volga Dnepr Group huwa wkoll il-kumpanija prinċipali ta' Volga Dnepr Airlines LLC. Il-Volga Dnepr Goup tikkonsisti minn 12-il ajruplan tat-tip Antonov An 124, ħames Boeing 747-8F u ħames IL-76TD-90VD (IV). Volga Dnepr Airlines LLC, għandha operazzjonijiet tal-ajru sinifikantiu tipprovdi servizzi tat-trasport f'setturi ta' sinifikat strateġiku għall-Gvern Russu, billi timporta minn pajjiżi terzi tagħmir elettroniku, tal-IT u tal-komunikazzjoni, li huma rilevanti għall-isforzi tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Għar-rwol kruċjali tiegħu fl-appoġġ tal-Federazzjoni Russa, il-Volga Dnepr Group irċieva sussidji ta' appoġġ mill-Gvern Russu. Għalhekk, Vildan Zinurov qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed jibbenefika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1807.	Roman Viktorovich TROTSENKO (Роман Викторович ТРОЦЕНКО)	Funzjoni: Imprenditur Russu; konsulent tal-President tal-kumpanija tal-Istat Rosneft Igor Sechin; fundatur u koproprjetarju tal-kumpanija ta' investiment AEON Corporation; Direttur ta' Geopromining Investment (CYP) Limited Nazzjonalità: Russa Data tat-twelid: 9.12.1970 Post tat-twelid: Moscow, USSR (illum Russian Federation) Sess: raġel Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 771500884353/ 771500884353	Roman Trotsenko huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja, b'interessi kummerċjali f'kumpaniji tal-minerali tal-ħadid u tal-azzar, tal-faħam, tal-infrastruttura u tal-enerġija, meqjus bħala wieħed mill-aktar persuni sinjuri fir-Russja. Huwa azzjonist prominenti f'AEON Corporation u Vorkutagol JSC, li jaħdmu f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, huwa azzjonist indirett importanti ta' Group Russian Energy LLC, permezz tal-parteċipazzjoni azzjonarja tiegħu f'kumpaniji oħra. Għalhekk, Roman Trotsenko huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja. Barra minn hekk, fid-dawl tal-involviment tiegħu f'setturi ekonomiċi bħall-mineral tal-ħadid u l-azzar, il-faħam, u l-enerġija, huwa involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	24.6.2024
1808.	Polina Sergeevna GAGARINA (Полина Сергеевна ГАГАРИНА)	Funzjoni: Kantanta, attriċi, awtriċi ta' kanzunetti, mudella Data tat-twelid: 27.3.1987 Post tat-twelid: Moscow, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 770701954175, 311774631801199	Polina Gagarina hija kantanta, attriċi, awtriċi ta' kanzunetti u mudella Russa. Polina Gagarina tagħti spettakli regolarment fil-qafas tal-avvenimenti ta' propaganda tal-Istat, pereżempju għaċ-ċelebrazzjoni tal-annessjoni illegali ta' erba' reġjuni Ukreni jew l-anniversarju tal-annessjoni tal-Krimea. Għalhekk hija tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1824.	Mikhail Rudolfovich KONTSEREV (Михаил Рудольфович КОНЦЕРЕВ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' PJSC TransContainer Data tat-twelid: 11.6.1970 Post tat-twelid: Leningrad, USSR (illum Saint Petersburg, Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: I781400896256	Mikhail Kontserev huwa d-Direttur Ġenerali ta' Kumpanija Pubblika Konġunta tal-Istokks (PJSC) TransContainer. PJSC TransContainer hija kumpanija tat-trasport Russa, u l-akbar operatur tal-kontejners ferrovjarji tar-Russja, settur ekonomiku li qed jikber kontinwament fir-Russja. Id-dħul ta' PJSC TransContainer żdied mill-2023 'l hawn. Bħala Direttur Ġenerali, Mikhail Kontserev huwa għalhekk involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. PJSC TransContainer toffri s-servizzi tagħha fit-terminal il-ġdid ta' Alabuga Special Economic Zone (SEZ). Alabuga SEZ ilu jikkoopera mal-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati Iranjani biex jillokalizza s-sit tal-produzzjoni tad-droni kamikaży Shahed (l-isem tal-verżjoni Russa huwa 'Geran'). Barra minn hekk, PJSC TransContainer tappoġġa lill-Gvern Russu permezz tal-involviment tagħha fi skemi ta' kummerċ illegali tal-armi mar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK). Għalhekk, fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur Ġenerali ta' PJSC TransContainer, Mikhail Kontserev qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024
1901	SHIN Geum Cheol bil-Korean: 신김금철 bir-Russu: СИН Гым Чхоль magħruf ukoll bħala SIM, Kum-Chol	Funzjoni: Kap tad-Direttorat Operazzjonali Prinċipali tal-Istat Maġġur tal-Armata tal-Poplu Korean, Maġġur Ġeneral Nazzjonalità: Nord Koreana Sess: raġel	Shin Geum Cheol huwa l-Kap tad-Direttorat Operazzjonali Prinċipali tal-Istat Maġġur tal-Armata tal-Poplu Korean tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea. Huwa uffiċjal militari ta' livell għoli li jissorvelja t-tmexxija prattika ta' operazzjonijiet, bħall-koordinazzjoni militari. Huwa għandu l-kompitu li jxerred tattiċi tal-gwerra Russi u moderni, bħal operazzjonijiet tad-droni, tattiċi tal-artillerija u teknoloġiji elettroniċi tal-gwerra, lill-armata tal-Korea ta' Fuq. L-armata tal-Korea ta' Fuq hija involuta f'operazzjonijiet militari fir-Russja u fl-Ukrajna. Għalhekk, Shin Geum Cheol huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jdgħajfu l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.2.2025

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1917.	Nshan Sergeevich GALUSTYAN bir-Russu: Ншан Сергеевич Галустян magħruf ukoll bħala Mikhail Sergeevich GALUSTYAN magħruf ukoll bħala Михаил Сергеевич ГАЛУСТЯН	Data tat-twelid: 25.10.1979 Post tat-twelid: Sochi, Krasnodar Territory, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 232003782530	Nshan Galustyan huwa propagandist Russu, president tal-Federation of Military and Tactical Games u membru tat-tmexxija tal-All-Russian children's and youth military-patriotic movement 'Yunarmiya', organizzazzjoni paramilitari Russa soġġetta għal miżuri restrittivi tal-Unjoni. Ilu żmien twil jappoġġa lil President Vladimir Putin u l-politiki tiegħu, u kien qed juża l-popolarità tiegħu biex ixerred messaġġi u narrattivi tal-propaganda tal-Kremlin. Nshan Galustyan huwa membru tat-tmexxija ta' Yunarmiya, li topera fergħat reġjonali li jinsabu fit-territorji okkupati illegalment u temporanjament tal-Ukrajna. Din torganizza wkoll ġbir ta' fondi u attivitajiet biex tappoġġa l-kumbattenti li jieħdu sehem fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Yunarmiya u l-membri tagħha jappoġġaw il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u jxerrdu propaganda Russa dwar il-gwerra. Yunarmiya tuża s-simbolu militari 'Z', li jintuża mill-propaganda Russa biex tippromwovi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, Nshan Galustyan huwa direttament responsabbli għall-attivitajiet ta' organizzazzjoni li tippromwovi l-militariżmu taż-żgħażagħ Russi. Huwa jappoġġa l-ħolqien ta' kamp tat-taħriġ bil-ħsieb li jintuża għal logħbiet tattiċi militari u għat-taħriġ ta' voluntiera għal 'operazzjoni militari speċjali' mwettqa minn ġellieda li ħadu sehem fil-gwerra kontra l-Ukrajna. Għalhekk, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.2.2025";

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"53.	Bank Rossiya (Банк 'Россия')	Imwaqqaf fis-27.6.1990 Indirizz: Pl Rastrelli 2 Liter A Saint Petersburg, 191124 Russian Federation Sit web: Abr.ru Individwi assoċjati: Yuriy Kovalchuk (l-akbar azzjonist) Posta elettronika: bank@abr.ru Numru tal-liċenzja: 328 INN: 7831000122 OGRN: 1027800000084	Il-Bank Rossiya huwa l-bank personali ta' Uffiċjali Għolja tal-Federazzjoni Russa. F'din il-kapaċità, il-Bank Rossiya jappoġġa u jibbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli mill-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna. Il-Bank Rossiya għandu interessi importanti fin-National Media Group li, min-naħa tiegħu, jikkontrolla l-istazzjonijiet televiżivi li jappoġġaw attivament il-politika tal-gvern Russu ta' destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, il-Bank Rossiya fetaħ fergħat fil-Krimea kollha u f'Sevastopol. Il-Bank Rossiya pprovda wkoll self lill-Intrapriża Unitarja tal-Istat Federali 'Crimea Railway' u jappoġġa l-kostruzzjoni tal-ferrovija fuq il-pont tal-Krimea. Għaldaqstant, il-Bank Rossiya jappoġġa finanzjarjament azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Assoċjat ma' Yuriy Valentinovich Kovalchuk, l-akbar azzjonist tal-Bank Rossiya.	23.2.2022
62.	PJSC United Aircraft Corporation (bir-Russu: ПАО Объединённая авиастроительная корпорация)	Indirizz: Bolshaya Pionerskaya 1, Moscow, 115054, Russian Federation Tel: + 7 (495) 926-1421 Sit web: https://www.uacrussia.ru/ https://uacrussia.ru/ru/ Posta elettronika: office@uacrussia.ru, hello@uacrussia.ru Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 7708619320 Numru tar-reġistrazzjoni statali: 1067759884598	United Aircraft Corporation huwa manifattur Russu ta' inġenji tal-ajru ċivili u militari. Flimkien mal-kumpaniji affiljati tiegħu jikkontrolla 100 % tal-produzzjoni tal-inġenji tal-ajru militari tar-Russja. L-inġenji tal-ajru tal-ġlied prodotti minn United Aircraft Corporation intużaw mir-Russja matul l-invażjoni illegali tal-Ukrajna fl-2022. Għaldaqstant, United Aircraft Corporation huwa responsabbli talli appoġġa, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	15.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
70.	JSC UEC Klimov (АО 'ОДК-Климов')	Indirizz: 11, Kantemirovskaya st., Saint Petersburg 194100, Russian Federation Tel: + 7 (812) 454 71 00 Fax: + 7 (812) 647 00 29 Sit web: https://www.klimov.ru/en Posta elettronika: klimov@klimov.ru Kumpanija omm: Rostec Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 7802375335 Numru tar-reġistrazzjoni statali: 1069847546383	JSC UEC Klimov huwa disinjatur u produttur Russu ewlieni ta' magni b'turbini tal-gass għal inġenji tal-ajru militari u ċivili. Huwa parti minn United Engine Corporation. Huwa jimmanifattura magni mmuntati fil-ħelikopters Ka-52 li ntużaw mir-Russja matul l-aggressjoni militari mhux provokata kontra l-Ukrajna fl-2022, inkluż matul il-battalja ta' Hostomel. Għaldaqstant, JSC UEC Klimov huwa responsabbli talli appoġġa, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
79.	Otkritie FC Bank (qabel magħruf bħala NOMOS Bank)	Tip ta' entità: kumpanija pubblika b'ishma konġunti Indirizz: D. 2, str. 4, ul. Letnikovskaya, 115114, Moscow, Russian Federation Sit web: https://www.open.ru/ Tel: + 7 (495) 224-44-00 Data tar-reġistrazzjoni: 15.12.1999 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739019208 Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 7706092528 SWIFT/BIC: JSNMRUMM	Otkritie FC Bank, qabel magħruf bħala NOMOS Bank, huwa wieħed mill-akbar 10 banek tar-Russja u istituzzjoni finanzjarja sistemikament importanti għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Il-Bank Ċentrali tar-Russja huwa l-investitur ewlieni ta' Otkritie Bank, fejn għandu 99-100 % tal-ishma. Bħala waħda mill-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat ewlenin tar-Russja, Otkritie Bank jiġġenera dħul kbir għall-Bank Ċentrali tar-Russja u għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk Otkritie Bank huwa entità jew korp li jappoġġa materjalment jew finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u jibbenefika minnu, kif ukoll jappoġġa lil persuna ġuridika, entità jew korp involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
80.	Novikombank Новикомбанк	Tip ta' entità: bank kummerċjali b'ishma konġunti Indirizz: Bld.1, Polyanka Bolshaya str. 50/1, Moscow, 119180, Russian Federation Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739075891	Novikombank huwa sussidjarju ta' Rostec (Russian Technologies State Corporation), konglomerat tad-difiża ewlieni tal-istat Russu. Novikombank għandu rwol sinifikanti fl-implimentazzjoni ta' programmi tal-gvern Russu li huma mmirati lejn l-iżvilupp ta' industriji ta' teknoloġija għolja fir-Russja billi jipprovdi finanzjament għal proġetti militari u ċivili ewlenin. Novikombank iwettaq negozju f'setturi ta' sinifikat strateġiku għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa, b'mod partikolari s-settur tad-difiża. Novikombank huwa għalhekk entità jew korp li jappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa jew jibbenefika minnu, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna kif ukoll persuna ġuridika, entità jew korp involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. F'Ġunju 2022, id-Direttur tal-Bank iddikjara li l-bank kien lest biex jibda l-attivitajiet tiegħu fil-Krimea. Barra minn hekk, Novikombank jiffinanzja b'mod attiv kumpaniji li jaħdmu biex jissostitwixxu prodotti pprojbiti mill-esportazzjoni lejn ir-Russja, b'mod partikolari fl-ajrunawtika u l-armamenti. F'Awwissu 2022, Novikombank ħa sehem fil-forum ARMY 2022 (li jlaqqa' flimkien kumpaniji mill-kumpless militari-industrijali) u ffirma ftehimiet ta' finanzjament għal RUB 190 biljun (madwar EUR 3 biljun).	8.4.2022

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/527/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
82.	VTB Bank ВТБ/Внешторгбанк	Tip ta' entità: kumpanija pubblika b'ishma konġunti Indirizz: Vorontsovskaya Str., 43, Moscow, 109044, Russian Federation Post tar-reġistrazzjoni: Degtyarnyy Pereulok, 11a, Saint Petersburg, 191144, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 17.10.1990 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739609391 Individwi assoċjati: Andrei Leonidovich Kostin (President u President tal-Bord ta' Tmexxija)	Il-VTB Bank huwa istituzzjoni finanzjarja sistemikament importanti għall-Gvern Russu, li min-naħa tiegħu huwa azzjonist ewlieni ta' VTB Bank. Il-bank innifsu għandu rabtiet mill-qrib mal-intelligence Russa, u l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tiegħu nħatar mill-President Vladimir Putin u ddefenda l-azzjonijiet tiegħu inkluż l-annessjoni tal-peniżola tal-Krimea. Bħala waħda mill-istituzzjonijiet finanzjarji ewlenin tar-Russja, li fil-biċċa l-kbira hija proprjetà tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa, VTB jiġġenera wkoll dħul għoli għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. F'Ġunju 2022, VTB esprima l-intenzjoni tiegħu li jirkupra l-eks sussidjarja tiegħu, RNCB Bank (bank ewlieni fil-Krimea b'70 % tal-klijenti fil-peniżola), li ġie nazzjonalizzat wara s-sanzjonijiet tal-2014. F'Ottubru 2022, il-President Putin iffirma liġi li tawtorizza lill-gvern biex jittrasferixxi 100 % tal-ishma tal-RNCB lill-VTB. F'Novembru 2022, id-Direttur Ġenerali tal-VTB ħabbar it-tlestija tat-trasferiment tal-RNBC lill-VTB fl-ewwel tliet xhur tal-2023. B'ħekk il-VTB isir il-bank ewlieni fil-Krimea. VTB Bank huwa għalhekk entità jew korp li jappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa jew jibbenefika minnu, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna kif ukoll persuna ġuridika, entità jew korp involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022
113.	OJSC V.A. Degtyarev Plant (bir-Russu: ОАО 'Завод имени В. А. Дегтярева') magħruf ukoll bħala Degtyarev Plant (bir-Russu: 'Завод имени Дегтярева') magħruf ukoll bħala ZiD (bir-Russu: 'ЗиД')	Indirizz: 4 Truda st., Kovrov 601900 Vladimir region, Russian Federation Tel: + 8 (49232) 9-12-09 Sit web: www.zid.ru Posta elettronika: zid@zid.ru	Kumpanija tad-difiża li tipprovdi armi lill-Forzi Armati Russi. Hija mmanifatturat il-missili Igla MANPADS, 9M119M 'Refleks' u 9M120 'Ataka' u l-lanċaturi tal-missili 3UBK20 li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-kumpanija tkompli tipproduċi armi għall-gwerra kif muri mill-parteċipazzjoni tagħha fil-forum ARMY 2022 f'Awwissu 2022 u pubblikazzjonijiet reċenti fuq is-sit tagħha. Degtyarev Plant hija għalhekk responsabbli talli appoġġat, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
115.	JSC Irkut Corporation (bir-Russu: Корпорация 'ИРКУТ')	Indirizz: Leningradskiy Prospect 68, Moscow, 125315, Russian Federation Tel: + 7 (495) 777-21-01 Sit web: www.irkut.com Posta elettronika: office@irkut.com Individwi assoċjati: Yuri Slyusar, CEO ta' PJSC 'UAC'	Manifattur tal-inġenji tal-ajru Russu li jipprovdi inġenji tal-ajru tal-ġlied lill-Forzi Armati Russi. Huwa mmanifattura l-inġenji tal-ajru tal-ġlied supermanuvrabbli Su-30SM li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa kien involut ukoll fl-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-inġenji tal-ajru militari Russi. Għalhekk, Irkut Corporation huwa responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
168.	JSC 'Zavolzhsky plant of crawler vehicle Plant' ('ZZGT') (bir-Russu: ЗАО 'Заволжский завод гусеничных тягачей' (ЗЗГТ)) magħruf bħala JSC 'Zavolzhsky plant of caterpillar tractors'	Indirizz: 606522, Nizhny Novgorod region, Gorodetsky district, Zavolzhye, Zheleznodorozhnaya str., 1, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1115248002110 Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 5248031980 Sit web: https://zzgt.ru/ Tel: + 7 (831) 612-14-00 Tip ta' entità: kumpanija b'ishma konġunti Data tar-reġistrazzjoni: 26.9.2011 Post tar-reġistrazzjoni: Nizhny Novgorod region, Russian Federation Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	JSC 'Zavolzhsky plant of caterpillar tractors' hija intrapriża Russa li tibni l-magni u li tipproduċi u tforni vetturi GAZ-3344-20 fuq iċ-ċineg għal kull xorta ta' terren. JSC 'Zavolzhsky plant of caterpillar tractors' tipprovdi vetturi GAZ-3344-20 lill-Forzi Armati Russi li qed jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk JSC 'Zavolzhsky plant of caterpillar tractors' hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
177.	Avrora JSC (magħrufa wkoll bħala Avrora; magħrufa wkoll bħala Aurora; magħrufa wkoll bħala Concern Avrora Scientific and Production Association Joint Stock Company; magħrufa wkoll bħala AO 'Kontsern' NPO 'Avrora') (bir-Russu: Акционерное Общество 'Концерн' Научно-Производственное Объединение 'Аврора')	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (194021, Saint Petersburg, ul. Karbysheva, 15) Data tar-reġistrazzjoni: 27.2.2009 Numru tar-reġistrazzjoni: 7802463197 (numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Avrora JSC hija intrapriża ewlenija fis-settur tad-difiża marittima tar-Russja. Avrora JSC għandha liċenzja mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ biex tiżviluppa armi u tagħmir militari, kif ukoll liċenzja mis-State Atomic Energy Corporation (Rosatom) biex taħdem fuq l-użu tal-enerġija atomika għal skopijiet ta' difiża, inkluż l-iżvilupp ta' armi nukleari u impjanti tal-enerġija nukleari għal skopijiet militari. Avrora JSC hija l-aktar magħrufa għall-attivitajiet tagħha fl-oqsma tal-iżvilupp, il-produzzjoni u l-provvista ta' sistemi ta' kontroll awtomatizzati għall-bastimenti tal-wiċċ u s-sottomarini tal-Flotta Navali tal-Federazzjoni Russa. B'mod speċifiku, Avrora JSC tiżviluppa, timmanifattura, tipprovdi, u tiżgura manutenzjoni u servizzjar taħt garanzija tas-sistemi ta' kontroll awtomatizzati tal-hardware abbord għas-sottomarini u l-bastimenti navali tal-wiċċ tal-forzi armati Russi. Għalhekk, Avrora JSC qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	25.2.2023
178.	Battery Company Rigel JSC (magħrufa wkoll bħala Rigel; magħrufa wkoll bħala Joint Stock Company Battery Company 'Rigel') (bir-Russu: Акционерное Общество Аккумуляторная Компания 'Ригель')	Post tar-reġistrazzjoni: Professora Popova st., 38, Saint Petersburg 197376, Russia Data tar-reġistrazzjoni: 28.10.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 9728042468 (numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Battery Company Rigel JSC hija manifattur ta' idrur tal-metall tan-nikil u batteriji tal-fidda-żingu u ilha sservi ta' fornitur għall-flotta navali Russa għal aktar minn 15-il sena. Il-kumpanija tiddeskrivi lilha nnifisha bħala żviluppatur ewlieni ta' batteriji tal-litju-jon u batteriji għal sistemi tal-enerġija awtonomi u mingħajr interruzzjoni, komunikazzjoni, trasport, u tagħmir ieħor u tipprovdi ċiklu sħiħ ta' żvilupp, produzzjoni, u provvista ta' batteriji tal-litju għall-Flotta Navali Russa u l-Ministeru għad-Difiża Russu. Għalhekk Battery Company Rigel JSC qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
180.	Dubnensky Machine-Building Plant JSC (magħrufa wkoll bħala Dubna Machine-Building Plant; magħrufa wkoll bħala Dubninsky machine-building plant; magħrufa wkoll bħala Dubna Engineering Plant; magħrufa wkoll bħala Joint-stock company 'Dubnensky machine-building plant' imsemmija għal N.P. Fedorov; magħrufa wkoll bħala Aktsionernoye obshchestvo 'Dubnenskiy mashinostroitel'nyy zavod' imeni N. P. Fodorova) (bir-Russu: Акционерное общество 'Дубненский машиностроительный завод' имени Н.П.Фёдорова; magħrufa wkoll bħala Дубненский машиностроительный завод; magħrufa wkoll bħala АО ДМЗ ИМ. Н.П. ФЕДОРОВА)	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (141983, Moscow region, Dubna, Zhukovsky Str. 2, building 1) Data tar-reġistrazzjoni: 26.2.2004 Numru tar-reġistrazzjoni: 5010030050 (numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Dubnensky Machine-Building Plant JSC hija entità li tikkontribwixxi b'mod attiv għall-kumpless militari industrijali tar-Russja. Il-kumpanija tiżviluppa droni ta' rikonjizzjoni u ta' attakki Orion, kif ukoll droni marittimi għall-forzi armati Russi. Id-droni manifatturati minn Dubnensky Machine-Building Plant JSC ġew mgħammra b'missili ggwidati. Dawn id-droni huma skjerati mill-forzi armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Bejn Frar u April 2022, kien hemm sitt każijiet ikkonfermati ta' qtil fl-Ukrajna mid-droni Russi Orion manifatturati minn Dubnensky Machine-Building Plant JSC. Għalhekk, Dubnensky Machine-Building Plant JSC qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Dubnensky Machine-Building Plant JSC hija entità li qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
181.	Elektropribor JSC (magħrufa wkoll bħala Elektropribor; magħrufa wkoll bħala State Research Center of the Russian Federation Concern CSRI Elektropribor, JSC; magħrufa wkoll bħala Aktsionernoe Obshchestvo 'Kontsern "Tsentralnyi Nauchno- Issledovatelskii Institut" "Elektropribor"') (bir-Russu: Акционерное Общество 'Концерн "Центральный Научно-Исследовательский Институт" "Электроприбор"')	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (197046, Saint Petersburg, ul. Malaia Posadskaia, 30) Data tar-reġistrazzjoni: 26.2.2009 Numru tar-reġistrazzjoni: 7813438763 (numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Elektropribor JSC hija kumpanija ewlenija fl-industrija tad-difiża marittima Russa. Elektropribor JSC tiżviluppa u timmanifattura navigazzjoni ta' preċiżjoni għolja, ġiroskopija, gravimetrija, u sistemi viżwali-elettroniċi għal sottomarini, kif ukoll sistemi ta' komunikazzjoni marittima. Elektropribor JSC għandha liċenzja attiva mill-Ministeru għall-Industrija tar-Russja għall-iżvilupp ta' armi, munizzjon, u tagħmir militari. B'mod partikolari, Elektropribor JSC tipproduċi sistemi ta' navigazzjoni għall-bastimenti tal-ġlied tal-Flotta Navali tal-Federazzjoni Russa. Il-kumpanija tiddeskrivi lilha nnifisha bħala kumpanija li tiżgura disponibbiltà operattiva għolja tal-forzi navali sottomarini tar-Russja. Għalhekk, Elektropribor JSC qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Elektropribor JSC hija entità li qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
182.	Morinformsystem Agat JSC (magħrufa wkoll bħala Morinsis-agat; magħrufa wkoll bħala Aktsionernoe Obshchestvo Kontsern 'Morinformsistema – Agat') (bir-Russu: Акционерное Общество Концерн 'Моринформсистема – Агат'; magħrufa wkoll bħala Моринсис – Агат)	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (105275, Moscow, sh. Entuziastov, 29) Data tar-reġistrazzjoni: 6.2.2006 Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 7720544208 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Sussidjarji: — JSC AKIN — OJSC Zavod Elektropribor — JSC KB Amethyst — JSC Comet — JSC NPP Salyut — JSC PO Binom — JSC Central Research Institute Kurs — JSC Plant Topaz — JSC Izumrud — JSC KGFI — JSC Morinsis-Agat- KIP — FSPC JSC NPO Mars — JSC NPF Meridian — AO Typhoon	Morinformsystem Agat JSC hija kumpanija ewlenija fl-industrija tal-bini tal-bastimenti Russa. Il-kumpanija hija speċjalizzata fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-manutenzjoni ta' sistemi ta' informazzjoni u kontroll tal-ġlied kif ukoll sistemi integrati, sistemi ta' awtomatizzazzjoni ta' kontroll integrat għall-formazzjonijiet tal-baħar, sistemi ta' kontroll tal-isparar ta' missili kruċieri u ballistiċi bbażati fuq il-baħar, sistemi ta' missili u radars kostali u bbażati fuq il-bastimenti, u sistemi tas-sonar. Din ġiet deskritta bħala organizzazzjoni umbrella fl-industrija tal-bini tal-bastimenti Russa li tispeċjalizza fl-oqsma tas-sistemi u t-teknoloġiji tal-informazzjoni, l-inġinerija tas-sistemi fl-isfera tat-tagħmir tal-informatika tad-data tal-baħar, il-kompatibbiltà elettromanjetika tal-faċilitajiet radjuelettroniċi, is-sistemi ta' degaussing, is-sistemi tal-kontroll tal-isparar ta' missili kruċieri u ballistiċi bbażati fuq il-baħar, is-sistemi ta' informazzjoni u kontroll tal-ġlied u s-sistemi ta' ġestjoni integrata għall-bastimenti tal-wiċċ u s-sottomarini. F'din il-kapaċità, Morinformsystem Agat JSC tikkostitwixxi entità ewlenija li tipprovdi appoġġ materjali lill-forzi navali Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Morinformsystem Agat JSC qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Morinformsystem Agat JSC hija entità li qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
183.	Zelenodolsk Design Bureau JSC (bir-Russu: АО Зеленодольский завод имени А. М. Горького)	Post tar-reġistrazzjoni: Zelenodolsk, Republic of Tatarstan, Russian Federation (422540, Republic of Tatarstan, r-n Zelenodolskii, Zelenodolsk, ul. Lenina, 41A) Data tar-reġistrazzjoni: 27.5.2008 Numru tar-reġistrazzjoni: 1648024290 (numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Zelenodolsk Design Bureau JSC hija kumpanija ewlenija tal-bini tal-bastimenti fil-kumpless militari industrijali tar-Russja. Zelenodolsk Design Bureau JSC iddisinjat mill-inqas 17-il bastiment tal-gwerra differenti għall-forzi armati Russi u għandha għarfien espert partikolari fil-kostruzzjoni ta' bastimenti tal-ġlied kontra s-sottomarini, bastimenti ta' pattulja militari, u bastimenti spija. Diversi bastimenti tal-gwerra ddisinjati minn Zelenodolsk Design Bureau JSC – mgħammra b'missili kruċieri tat-tip Kalibr – ħadu sehem f'attakki bil-bombi kontra l-Ukrajna matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, f'Settembru 2022, Zelenodolsk Design Bureau JSC iffirmat kuntratt mal-forzi armati Russi biex tiddisinja żewġ bastimenti ta' spjunaġġ ġodda għall-Flotta Navali tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Zelenodolsk Design Bureau JSC qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Zelenodolsk Design Bureau JSC hija entità li qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	25.2.2023
184.	Avtodor (magħrufa wkoll bħala State Unitary Enterprise of the Donetsk People's Republic 'Avtodor') (bir-Russu: Государственное Унитарное Предприятие Донецкой Народной Республики 'Автодор')	Post tar-reġistrazzjoni: Ukraine (283001, Donetsk, Komsomolsky prospect, 6a) Data tar-reġistrazzjoni: 4.9.2015 Numru tar-reġistrazzjoni: 9303014834 (numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Ukraine	Avtodor hija kumpanija tal-kostruzzjoni subordinata għad-'dipartiment tat-toroq' tal-'Ministeru għat-Trasport' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Avtodor irrestawrat b'mod attiv l-infrastruttura strateġika, bħal pontijiet u toroq, f'isem il-forzi okkupanti Russi. Avtodor ġiet ikkummissjonata mill-forzi okkupanti Russi biex tistabbilixxi konnessjonijiet tat-toroq bejn ir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna, kif ukoll biex tissostitwixxi s-sinjali tat-toroq Ukreni b'sinjali bil-lingwa Russa fiż-żoni okkupati. Ix-xogħol imwettaq minn Avtodor jagħmel parti minn strateġija usa' segwita mill-Federazzjoni Russa f'kooperazzjoni mal-forzi okkupanti fl-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk' biex il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja tavvanza permezz ta' proġetti infrastrutturali. Għalhekk, Avtodor qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Avtodor hija entità li twettaq tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
185.	Nizhneangarsktransstroy (magħrufa wkoll bħala OOO 'NATS') (bir-Russu:, Общество С Ограниченной Ответственностью 'Нижнеангарсктрансстрой'; magħrufa wkoll bħala ООО НАТС)	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (Moscow, Proezd-12 Maryina Roshcha, d. 9, str. 1) Data tar-reġistrazzjoni: 21.6.2012 Numru tar-reġistrazzjoni: 7717727466 (numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Ukraine, Russian Federation	Nizhneangarsktransstroy hija kumpanija tal-kostruzzjoni bbażata f'Moska li tispeċjalizza fit-tiswijiet tat-toroq u tal-awtostradi. Nizhneangarsktransstroy, b'mod partikolari, ġiet ikkummissjonata mill-forzi Russi li jokkupaw l-Ukrajna biex terġa' tibni l-pont li jgħaqqad it-territorju tal-Federazzjoni Russa mal-peniżola Ukrena okkupata tal-Krimea, li fit-8 ta' Ottubru 2022 ġarrab ħsara wara splużjoni. It-tiswijiet imwettqa minn Nizhneangarsktransstroy huma ta' importanza strateġika partikolari għall-isforzi tal-gwerra tar-Russja. Il-pont tal-Krimea jiffunzjona bħala kuritur tal-art bejn il-Federazzjoni Russa u t-territorju okkupat tal-Ukrajna u l-aċċessibbiltà tiegħu taffettwa direttament il-kapaċità tar-Russja li tmexxi gwerra fin-Nofsinhar tal-Ukrajna. Għalhekk, Nizhneangarsktransstroy qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Nizhneangarsktransstroy hija entità li qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	25.2.2023
187.	Kaluga-based Instrument-Making Plant Typhoon JSC (magħrufa wkoll bħala Typhoon; magħrufa wkoll bħala Tyfun; magħrufa wkoll bħala Research and production enterprise 'Kaluga instrument-making plant "Tyfun"') (bir-Russu: АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО НАУЧНО-ПРОИЗВОДСТВЕННОЕ ПРЕДПРИЯТИЕ 'КАЛУЖСКИЙ ПРИБОРОСТРОИТЕЛЬНЫЙ ЗАВОД "ТАЙФУН"'; magħrufa wkoll bħala АО 'Тайфун')	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (248600, Kaluga, Voskresenskiy per, 28) Data tar-reġistrazzjoni: 10.7.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 4026005699 (numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	'Typhoon' JSC hija intrapriża ewlenija fil-kumpless militari-industrijali tar-Russja li tiżviluppa, timmanifattura u tforni sistemi ta' armi li jintużaw b'mod attiv mill-forzi armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Pereżempju, is-sistema tal-missili kostali BAL-E li 'Typhoon' JSC żviluppat għall-Ministeru Russu għad-Difiża, intużat mill-forzi armati Russi biex jillanċjaw missili kruċieri kontra miri tal-art Ukreni fir-reġjun ta' Odesa f'Ġunju 2022. Barra minn hekk, is-sistema tal-missili tattiċi kostali Rubezh-ME żviluppata minn 'Typhoon' JSC ilha tintuża mill-forzi armati Russi biex jillanċjaw missili mill-peniżola tal-Krimea mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, 'Typhoon' JSC qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, 'Typhoon' JSC hija entità li tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
193.	Patriot Media Group (bir-Russu: Медиагруппа 'Патриот')	Indirizz: 197374, Saint Petersburg, Prospect Primorsky, 78, building 1, Russian Federation Tel: + 7 (981) 722 50 09 Sit web: https://mediapatriot.ru Posta elettronika: media@mediapatriot.ru Individwi assoċjati: — Yevgeny Prigozhin (Head of the Board of Trustees of the Patriot Media Group) Entitajiet assoċjati: Il-Patriot Media Group jikkonsisti fost l-oħrajn minn: — Federalnoye Agentsvo Novostey (RIA FAN) — Ekonomika Segodnya — Narodnye Novosti — Polityka Segodnya — Slovo i Delo — Zhurnalistskaya Pravda — PolitExpert — iReactor — NewInform — PolitRossiya — Nevskiye Novosti	Patriot Media Group hija organizzazzjoni tal-media Russa li l-Bord tal-Fiduċjarji tagħha huwa mmexxi minn Yevgeny Prigozhin. Hija xxerred propaganda favur il-Gvern u diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Patriot Media Group tiddefinixxi l-gwerra li għaddejja bħala 'reklamazzjoni tal-artijiet Russi min-neonażisti fl-Ukrajna' u jsostni li n-NATO qed tippjana attakk imminenti kontra l-Federazzjoni Russa. Għalhekk Patriot Media Group hija responsabbli għall-appoġġ materjali f'azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
198.	Alfa-Bank JSC (bir-Russu: Альфа-Банк)	Indirizz ta' kuntatt: 11 Mashi Poryvayevoy str. Moscow, 107078, Russian Federation Tip ta' entità: kumpanija b'ishma konġunti Post tar-reġistrazzjoni: 27 Kalanchevskaya str. Moscow, 107078, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 26.7.2022 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027700067328 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Individwi assoċjati: — Petr Aven — German Khan, Mikhail Fridman	Alfa-Bank JSC huwa l-akbar bank privat fil-Federazzjoni Russa. Il-Bank Ċentrali tar-Russja inkluda l-Alfa-Bank fil-lista tal-istituzzjonijiet ta' kreditu sistemikament importanti. Alfa-Bank jopera fis-settur tas-servizzi finanzjarji Russi u, b'mod aktar speċifiku, fis-settur bankarju. Fl-2023, is-settur tas-servizzi finanzjarji kien is-seba' l-akbar settur tal-ekonomija Russa skont is-sehem tal-PDG, li jammonta għal 5,2 % tal-PDG tal-Federazzjoni Russa. Din kienet żieda minn 4,8 % fl-2022. Barra minn hekk, is-settur bankarju jikkostitwixxi parti sostanzjali tas-settur finanzjarju Russu, peress li jammonta għal madwar 87 % tal-assi totali fis-settur finanzjarju. Is-settur bankarju kellu prestazzjoni tajba fl-2023, b'żidiet sinifikanti fl-assi totali, fis-self korporattiv u fis-self bl-imnut, u profitt nett ta' 3,3 triljun rublu fl-ewwel sitt xhur biss. Barra minn hekk, is-settur bankarju jappoġġa setturi oħra tal-ekonomija, li min-naħa tagħhom jiġġeneraw dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
200.	T-Bank JSC bir-Russu: АО 'Т-банк' magħruf ukoll bħala Tinkoff Bank JSC magħruf ukoll bħala АО 'Тинькофф банк'	Indirizz: Moscow, 127994, st. Khutorskaya 2nd, 38A, building 26 Indirizz postali: PO Box 23, Moscow, 102001, Russian Federation Tip ta' entità: kumpanija b'ishma konġunti Post tar-reġistrazzjoni: 127287, st. Khutorskaya 2nd, 38A, Moscow, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 28.11.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739642281 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	T-Bank huwa wieħed mill-akbar tliet banek fir-Russja, abbażi tal-għadd tal-klijenti attivi tiegħu. Għandu pożizzjoni ewlenija fil-qasam tat-teknoloġiji finanzjarji, u l-Bank Ċentrali tar-Russja inkluda lit-Tinkoff Bank fil-lista tal-istituzzjonijiet ta' kreditu sistemikament importanti. Sal-5 ta' Ġunju 2024 T-Bank kien magħruf bħala Tinkoff Bank. T-Bank jopera fis-settur tas-servizzi finanzjarji Russu u, b'mod aktar speċifiku, fis-settur bankarju. Fl-2023, is-settur tas-servizzi finanzjarji kien is-seba' l-akbar settur tal-ekonomija Russa skont is-sehem tal-PDG, li jammonta għal 5,2 % tal-PDG tal-Federazzjoni Russa. Din kienet żieda minn 4,8 % fl-2022. Barra minn hekk, is-settur bankarju jikkostitwixxi parti sostanzjali tas-settur finanzjarju Russu, peress li jammonta għal madwar 87 % tal-assi totali fis-settur finanzjarju. Is-settur bankarju kellu prestazzjoni tajba fl-2023, b'żidiet sinifikanti fl-assi totali, fis-self korporattiv u fis-self bl-imnut, u profitt nett ta' 3,3 triljun rublu fl-ewwel sitt xhur biss. Barra minn hekk, is-settur bankarju jappoġġa setturi oħra tal-ekonomija, li min-naħa tagħhom jiġġeneraw dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għaldaqstant, T-Bank huwa involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
205.	AO Plasma Ismijiet oħra: AKTCIONERNOE OBSHESTVO 'NAUCHNO- ISSLEDOVATELSKIJ INSTITUT GAZORAZRYADNIH PRIBOROV "PLAZMA"' (АО 'Плазма' АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО 'НАУЧНО-ИССЛЕДОВАТЕЛЬСКИЙ ИНСТИТУТ ГАЗОРАЗРЯДНЫХ ПРИБОРОВ "ПЛАЗМА"')	Indirizz: 390023, Tsiolkovsky st, 24, Ryazan, Russian Federation Tip ta' entità: Korporazzjoni statali Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 16.10.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: TIN (INN): 6230005886 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Informazzjoni oħra: — KPP: 623001001 — OKPO: 07626955 — OGRN: 1026201102850 — OKFS: 61 – Sjieda ta' korporazzjonijiet statali — OKOGU: 4100304 – State corporation to promote the development, production and export of high technology products 'Russian Technologies' (Korporazzjoni Statali 'Russian Technologies') — OKOPF: 12247 – Kumpaniji b'ishma konġunti miftuħa OKTMO: 61701000001 — FSFR: 04700-A — OKATO: 61401375 – Ryazanskaya area, citya oblastnogo znacheniya Ryazanskoj area, Ryazan, Oktyabrskij	AO Plasma hija korporazzjoni statali u l-akbar żviluppatur u manifattur ta' prodotti elettroniċi plażma fir-Russja, inkluż lasers tal-gass u sistemi bbażati fuqhom, għodod għall-wiri ta' informazzjoni (pannelli plażma u monitors ibbażati fuqhom u apparati oħra), apparati tal-iswiċċjar għar-rilaxx tal-gass, u ċeramika industrijali. AO Plasma tipproduċi wkoll unitajiet taċ-ċeramika u l-metall densi taħt vakwu u Apparat ta' Antenna Passiv li jintuża mis-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita GLONASS. GLONASS hija sistema Russa ta' navigazzjoni bis-satellita ddisinjata għal navigazzjoni operattiva u appoġġ tal-ħin għal għadd bla limitu ta' utenti tal-art, tal-baħar, tal-ajru u tal-ispazju. Is-sistema GLONASS kontinwament tassisti lill-Forzi Armati Russi biex iwettqu attakki preċiżi b'missili tattiċi (eż. missili tattiċi Iskander) matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, AO Plasma qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
209.	SUN Ship Management (D) Ltd.	Post tar-reġistrazzjoni: Dubai, United Arab Emirates (Unit OT 17-32, Level 17, Central Park Offices, Dubai International Financial Centre, Dubai, PO Box 507065, United Arab Emirates) Data tar-reġistrazzjoni: 2.8.2012 Numru tar-reġistrazzjoni: 1244 Postijiet prinċipali tan-negozju: United Arab Emirates, Russian Federation, European Union Entitajiet assoċjati: PAO Sovcomflot (kumpanija omm)	SUN Ship Management (D) Ltd., li qabel kienet magħrufa bħala SCF Management Services (Dubai) Ltd., hija kumpanija tal-ġestjoni tal-bastimenti bbażata f'Dubai, li tagħmel parti minn PAO Sovcomflot (SCF Group), l-akbar kumpanija tat-tbaħħir tar-Russja, li tispeċjalizza fit-trasport ta' gass likwifikat, żejt grezz u prodotti tal-petroleum, kif ukoll is-servizzjar fir-rigward tal-produzzjoni ta' enerġija offshore upstream. SUN Ship Management (D) Ltd timmaniġġa u topera flotta ta' kważi mitt bastiment taż-żejt, tal-gass naturali likwifikat u tal-kimika, b'kapaċità ta' aktar minn 150 000 tunnellaġġ ta' piż mejjet. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, SUN Ship Management (D) Ltd. kienet qed topera bħala waħda mill-kumpaniji ewlenin li jimmaniġġaw u joperaw it-trasport marittimu taż-żejt Russu. Huwa importanti l-fatt li, bħala parti mill-kumpanija tat-tbaħħir statali Russa PAO Sovcomflot, il-Federazzjoni Russa hija l-benefiċjarju aħħari tas-servizzi offruti minn SUN Ship Management (D) Ltd.. Tali servizzi jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-gvern tal-Federazzjoni Russa, li jammonta għal aktar minn 70 % tad-dħul mill-enerġija tar-Russja, u b'hekk jippermettu lill-Kremlin jiffinanzja l-gwerra ta' aggressjoni tiegħu kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, SUN Ship Management (D) Ltd. hija entità li tappoġġa, materjalment u finanzjarjament, lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, SUN Ship Management (D) Ltd. hija entità involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
239.	20th Guards Combined Arms Army (20-я гвардейская Краснознаменная общевойсковая армия magħrufa wkoll bħala 20-я гвардейская общевойсковая армия)	Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (606083, Nizhny Novgorod region, Volodarsky district, Mulino) Data tar-reġistrazzjoni: 14.12.2009 Numru tar-reġistrazzjoni: 3666162144 (numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	It-20th Guards Combined Arms Army hija parti mill-Forzi tal-Art Russi u tipparteċipa direttament fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. It-20th Guards Combined Arms Army hija deskritta mill-Ministeru għad-Difiża Russu bħala l-akbar assoċjazzjoni tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, li qed tipparteċipa fl-aktar avvenimenti sinifikanti fil-ħajja militari tal-pajjiż. Matul l-invażjoni tal-Ukrajna fuq skala sħiħa mir-Russja, it-20th Guards Combined Arms Army kkontribwiet direttament għall-offensiva tar-Russja mid-direzzjoni tal-Grigal. Għalhekk, it-20th Guards Combined Arms Army hija responsabbli li tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023
241.	SPS CJSC magħrufa wkoll bħala Non-Public Joint Stock Company 'Research and Production Center' Specialized Devices and Systems magħrufa wkoll bħala Specialized Devices and Systems (Непубличное Акционерное Общество 'Научно-Производственный Центр "Специализированные Приборы И Системы"')	Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation (125080, Moscow, sh. Volokolamskoe, 1 str. 1, et 5; pom VI; kom 30B Data tar-reġistrazzjoni: 22.8.2014 Numru tar-reġistrazzjoni: 7743937237 (numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa) Postijiet prinċipali tan-negozju: Russian Federation, Netherlands Informazzjoni oħra: Pavel Sergeevich Seleznev (maniġer ġenerali)	SPS CJSC hija entità bbażata fir-Russja li timmanifattura kompjuters u tagħmir elettroniku ieħor. SPS CJSC hija involuta b'mod attiv fiċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet permezz tas-sħubija tagħha ma' entità bbażata fl-UE, jiġifieri Woerd-Tech BV. Sa mill-impożizzjoni ta' sanzjonijiet tal-UE li jipprojbixxu l-esportazzjoni ta' semikondutturi lejn ir-Russja, l-entità bbażata fin-Netherlands Woerd-Tech BV ġiet issuspettata bil-kuntrabandu illegali ta' semikondutturi lejn il-Federazzjoni Russa. Sid Woerd-Tech BV ġie arrestat mill-awtorità kompetenti Netherlandiża fuq suspett ta' ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet. SPS CJSC iffunzjonat bħala faċilitatur ewlieni fl-operazzjoni ta' kuntrabandu illegali mmexxija minn Woerd-Tech BV, filwaqt li aġixxiet bħala r-riċevitur ibbażat fir-Russja ta' semikondutturi esportati illegalment. Għalhekk, SPS CJSC hija entità li tevita l-miżuri restrittivi tal-Unjoni permezz ta' attivitajiet li għandhom l-għan jew ir-riżultat li jfixklu l-projbizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u r-Regolament (UE) Nru 833/2014.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
243.	LLC 'CST' magħrufa wkoll bħala Zala Aero Group magħrufa wkoll bħala Zala Aero	Indirizz: 426011, UR, Izhevsk, PO Box 9050 Tip ta' entità: kumpanija b'responsabbiltà limitata (LLC) Post tar-reġistrazzjoni: Russia Numru tar-reġistrazzjoni: 1101841007938 Data tar-reġistrazzjoni: 24.12.2010 Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 1841015504 Entitajiet assoċjati: JCS Kalashnikov Concern	LLC 'CST', parti mill-Kalashnikov Group, hija kumpanija Russa li timmanifattura u tforni UAVs, b'mod partikolari 'Lancet UAV' u 'KYB-UAV', li ntużaw mill-militar Russu fil-gwerra ta' aggressjoni tiegħu kontra l-Ukrajna. Għalhekk, LLC 'CST' qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023
286.	JSC PROGRESS Arsenyev Aviation Company named after N. I. Sazikin bir-Russu: Арсеньевская авиационная компания 'Прогресс' им. Н.И.Сазыкина magħrufa wkoll bħala JSC Arsenyev Aviation Company Progress magħrufa wkoll bħala AAC Progress magħrufa wkoll bħala Арсеньевская авиационная компания magħrufa wkoll bħala 'AAC Прогресс'	Indirizz: 5 Ploshchad Lenina, Arsenyev, Primorsky Krai, Russian Federation 692335 Telefown: + 7 (42361) 4 55 91,4 52 31; + 7 (42361) 4-52-32, + 7 (42361) 2-52-32 Fax: + 7 (42361) 4 50 93 Indirizz elettroniku: info@aacprogress.ru Sit web: https://www.rhc.aero Data tar-reġistrazzjoni: 14.11.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 1022500510350 Post prinċipali tan-negozju: Arsenyev, Russian Federation	Progress Arsenyev Aviation Company hija kumpanija tal-industrija militari Russa. Hija tipprovdi ħelikopters lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Timmanifattura l-ħelikopters tal-ġlied Ka-52 'Alligator' li jintużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
312.	PMC Tsarskie Volki magħrufa wkoll bħala Tsar Wolves	Post tal-attivitajiet: Ukraine, Russian Federation Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Individwi assoċjati: Dmitry Rogozin	PMC Tsarskie Volki hija kumpanija militari privata Russa li tipparteċipa b'mod dirett f'operazzjonijiet Russi ta' ġlied fl-Ukrajna. Il-kumbattenti ta' PMC Tsarskie Volki jipparteċipaw b'mod attiv f'operazzjonijiet Russi fl-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk' u l-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'. L-organizzazzjoni tikkonsisti b'mod predominanti minn esperti militari-tekniċi li jaħdmu fuq l-iżvilupp ta' armi u materjali splussivi f'isem il-Forzi Armati Russi. PMC Tsarskie Volki pprovdiet assistenza militari-teknika lil unitajiet tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk' u 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk' u ħarrġithom f'attivitajiet ta' rikonjizzjoni u attakk. Barra minn hekk, PMC Tsarskie Volki ddisinjat u ttestjat mijiet ta' armi u splussivi fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Pereżempju, PMC Tsarskie Volki żviluppat l-hekk imsejjaħ tank robotiku 'Marker' li serva biex qered vetturi armati Ukreni. Għalhekk, PMC Tsarskie Volki qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
357.	LLC 'SMT-iLogic' magħrufa wkoll bħala LLC SMT-Ailogik magħrufa wkoll bħala LLC SMT iLogic (ООО 'СМТ-Айлогик')	Indirizz: 195220, Russian Federation, Saint Petersburg, Nepokorennykh Avenue, 17, building 4, letter V, room 5-N Tip ta' entità: kumpanija b'responsabbiltà limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1157847407156 Data tar-reġistrazzjoni: 27.11.2015 Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 7804552300 KPP: 780401001 Entitajiet assoċjati: Special Technology Center Ltd. (magħrufa wkoll bħala STC, Ltd) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Sit web: http://smt-ilogic.ru/ Tel./fax: + 7 (812) 244-19-87 Indirizz elettroniku: info@smt-ilogic.ru	LLC SMT-iLogic hija fornitur ta' diversi servizzi fil-qasam tal-iżvilupp tal-elettronika. Il-kumpanija tipprovdi servizzi għall-iżvilupp tal-elettronika u timmanifattura apparat għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni. LLC STC, il-manifattur affiljat mal-militar Russu tad-droni Orlan-10, tikseb komponenti barranin mingħand LLC SMT-iLogic. Il-Forzi Armati Russi jużaw droni Orlan-10 fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, LLC SMT-iLogic qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, LLC SMT-iLogic hija assoċjata ma' LLC STC.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
359.	All-Russian public-state movement of children and youth 'Movement of the First' magħrufa wkoll bħala 'Movement of the First' (Движение первых)	Indirizz: Russian Federation, 109028, Moscow, Zemlyanoy Val street, 50A, building 2 Numru tar-reġistrazzjoni: 1227700776038 Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 9709087880 KPP: 770901001 Tel: + 7 495 565 30 10, + 8 800 333 63 11 Sit web: https://будьвдвижении.рф Indirizz elettroniku: zabota@rddm.team info@rddm.team Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation	'Movement of the First' hija organizzazzjoni taż-żgħażagħ fil-Federazzjoni Russa, li nħolqot f'Diċembru 2022 fuq l-inizjattiva tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin biex tipprovdi attivitajiet edukattivi, inkluż ta' natura militarizzata, għal tfal ta' bejn is-6 snin u t-18-il sena, abbażi ta' 'objettivi spiritwali u morali tradizzjonali Russi'. It-tfal li huma membri tal-moviment jiltaqgħu mas-suldati li ġġieldu fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jibagħtu kards u ittri ta' appoġġ lis-suldati kif ukoll iħejju tagħmir li għandu jintuża fil-kamp tal-battalja, u jitgħallmu kif jikkontrollaw id-droni. Barra minn hekk, il-moviment organizza logħob tal-gwerra għat-tfal, li jirreplika u jissimula sitwazzjonijiet ta' battalja. Dawn l-attivitajiet jitwettqu fir-reġjuni Russi kollha kif ukoll fil-Krimea annessa illegalment, u fit-territorji okkupati illegalment tal-Ukrajna tar-reġjuni ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia. Għaldaqstant, permezz tad-diversi programmi tiegħu, il-moviment qed iwettaq riedukazzjoni tat-tfal Ukreni, inkluż dawk deportati lejn ir-Russja illegalment. Għalhekk, Movement of the First qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
364.	JSC NMZ magħrufa wkoll bħala Nizhny Novgorod Machine-Building Plant (AO 'НМЗ' magħrufa wkoll bħala Акционерное Общество 'Нижегородский Машиностроительный Завод') magħrufa wkoll bħala JSC 'NIZHNY NOVGOROD PLANT 70TH ANNIVERSARY OF VICTORY'	Indirizz: Russian Federation, 603052, Nizhny Novgorod region, Nizhny Novgorod, Sormovskoe highway, no. 21 Tip ta' entità: kumpanija b'ishma konġunti Data tar-reġistrazzjoni: 15.2.1994 Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 5259008768 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	JSC NMZ (magħrufa wkoll bħala Nizhny Novgorod Machine-Building Plant) hija intrapriża statali militari-industrijali Russa li tiżviluppa sistemi tal-artillerija u sistemi ta' missili, inkluż is-sistemi ta' missili kontra l-inġenji tal-ajru S-300, użati mill-Forzi Armati Russi. Barra minn hekk, JSC NMZ hija parti mill-grupp Almaz-Antey, manifattur Russu tal-armi tal-istat li jiżviluppa sistemi ta' difiża kontra l-inġenji tal-ajru u missili kruċieri għall-militar Russu. Għalhekk, JSC NMZ qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu. Barra minn hekk, JSC NMZ hija assoċjata mal-grupp Almaz-Antey, li qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2024
365.	JSC RIRV magħrufa wkoll bħala Russian Institute of Radio Navigation and Time magħrufa wkoll bħala RIRT (Акционерное Общество 'Российский Институт Радионавигации И Времени' magħrufa wkoll bħala AO 'РИРВ')	Indirizz: Russian Federation, 192012, Saint Petersburg, Obukhovskaya Oborona Ave., 120 Tip ta' entità: kumpanija b'ishma konġunti Data tar-reġistrazzjoni: 5.5.2003 Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 7825507108 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Entitajiet assoċjati: JSC 'NORTH-WEST REGIONAL CENTER OF THE ALMAZ-ANTEY AIR AND SPACE DEFENCE CORPORATION – OBUKHOV PLANT' (magħrufa wkoll bħala JSC Obukhov Plant)	JSC RIRV (magħrufa wkoll bħala Russian Institute of Radio Navigation and Time) hija intrapriża statali militari-industrijali Russa li tiżviluppa tagħmir tan-navigazzjoni għas-sistema Russa GLONASS użata mill-Forzi Armati Russi biex iwettqu attakki bi preċiżjoni għolja fuq l-infrastruttura ċivili u militari fl-Ukrajna. Barra minn hekk, JSC RIRV hija parti mill-grupp Almaz-Antey, manifattur Russu tal-armi tal-istat li jiżviluppa sistemi ta' difiża kontra l-inġenji tal-ajru u missili kruċieri għall-militar Russu. Għalhekk, JSC RIRV qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu. Barra minn hekk, JSC RIRV hija assoċjata mal-grupp Almaz-Antey, li qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
339.	Joint-Stock Company 'State Scientific and Production Enterprise "Region"' bir-Russu: АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО 'ГОСУДАРСТВЕННОЕ НАУЧНО-ПРОИЗВОДСТВЕННОЕ ПРЕДПРИЯТИЕ "РЕГИОН"' magħrufa wkoll bħala АО 'ГНПП "РЕГИОН"' magħrufa wkoll bħala JSC 'GNPP "REGION"' magħrufa wkoll bħala CJSC 'Region' Open Joint Stock Company magħrufa wkoll bħala Joint Stock Company 'Scientific and Technical Development "Region"'	Indirizz: Russian Federation, 115230, g. Moscow, Kashire Highway, d. 13A Tip ta' entità: kumpanija b'ishma konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1057747873875 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 7724552070	JSC 'State Scientific and Production Enterprise "Region"' hija żviluppatur u fornitur ewlieni Russu ta' bombi ggwidati għall-avjazzjoni tal-ewwel linja. JSC 'State Scientific and Production Enterprise "Region"' tipproduċi magni navali u tal-avjazzjoni u armamenti navali u tal-avjazzjoni, kif ukoll sistemi ta' kontromiżuri għall-mini għall-Ministeru tad-Difiża Russa. Barra minn hekk, JSC 'State Scientific and Production Enterprise "Region"' hija sussidjarja ta' JSC Tactical Missile Armament Corporation li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari u ta' difiża tar-Russja. Għalhekk JSC 'State Scientific and Production Enterprise "Region"' qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk hija qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni ta-l-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	23.2.2024
438.	Volga-Dnepr Group magħruf ukoll bħala Volga-Dnepr Moscow (Группа компаний 'Волга-Днепр', magħruf ukoll bħala 'Волга-Днепр Москва')	Indirizz: Russian Federation, 41411, Moscow, Sh. Mezhdunarodnoye, 28B, Bldg. 3 Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 9.1.2016 Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 7704223366 KPP: 774301001 OGRN: 1027700590521	Volga Dnepr Group huwa kumpanija azzjonarja ewlenija Russa tat-trasport tal-ajru, li tispeċjalizza fit-trasport ta' merkanzija tqila permezz ta' charters domestiċi u internazzjonali u operazzjonijiet skedati. Sa mill-bidu tal-gwerra ta aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Volga Dnepr Group kellu rwol kruċjali fil-manutenzjoni tal-kumpless militari-industrijali tar-Russja u fl-għoti ta' servizzi tat-trasport bl-ajru għal finijiet militari Russi. Volga Dnepr Group huwa wkoll il-kumpanija prinċipali ta' Volga Dnepr Airlines LLC. Il-flotta tal-Volga Dnepr Group tikkonsisti minn 12-il ajruplan tat-tip Antonov An-124, ħames Boeing 747-8F u ħames IL-76TD-90VD (IV). Volga Dnepr Airlines LLC għandha operazzjonijiet tal-ajru sinifikanti u tipprovdi servizzi tat-trasport f'setturi ta' sinifikat strateġiku għall-Gvern Russu, billi timporta minn pajjiżi terzi tagħmir elettroniku, tal-IT u tal-komunikazzjoni, li huma rilevanti għall-isforzi tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għar-rwol kruċjali tiegħu fl-appoġġ tal-Federazzjoni Russa, il-Volga Dnepr Group irċieva sussidji ta' appoġġ mill-Gvern Russu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
472.	JSC Compel magħrufa wkoll bħala JSC Kompel (Акционерное Общество Компэл)	Indirizz: 109316, Russian Federation, Moscow, Volgogradsky Ave., 28A, pom. I, floor. 3, com. 6 Uffiċċji: 109052, Russian Federation, Moscow, Novokhokhlovskaya str., 23 bldg. 1 (Ring Park Business Park), 3rd floor 199034, Russian Federation, Saint Petersburg, VO, Bolshoy Prospekt, 18, lit. A (Andriyivskyi Shopping and Office Center)	JSC Compel hija waħda mill-akbar kumpaniji Russi li jfornu komponenti u moduli lill-manifatturi ta' tagħmir elettroniku. Hija tipparteċipa fi skemi ta' importazzjoni għal komponenti elettroniċi u tforni lill-industrija Russa (inkluż l-industrija militari) b'komponenti mikroelettroniċi ta' importanza strateġika, li huma integrali għall-kapaċitajiet militari Russi u meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' żvilupp industrijali fuq skala kbira. Għalhekk, JSC Compel qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024.
477.	International LLC 'Rasperia Trading Limited' (МКАО 'Расперия Трейдинг Лимитед')	Indirizz: 236006, Region Kaliningrad, Kaliningrad, Solnechny blvd., 25, premisch. A/60; Indirizz: ul. Oktyabrskaya 37, office 7, 236006 Kaliningrad Tip ta' entità: kumpanija internazzjonali b'responsabbiltà limitata Data tar-reġistrazzjoni: 20.5.2019 (irreġistrata bħala intrapriża żgħira u ta' daqs medju); 10.7.2023 (irreġistrata bħala intrapriża żgħira) Numru tar-reġistrazzjoni: 1193926007153	International LLC Rasperia Trading Limited ('Rasperia', ibbażata fir-Russja) għandha 28,5 miljun sehem fil-kumpanija Ewropea STRABAG SE. Dawk l-ishma ġew iffriżati minħabba li Rasperia kienet ikkontrollata minn Oleg Vladimirovich Deripaska, individwu soġġett għal miżuri restrittivi tal-Unjoni. Oleg Deripaska kkoordina skema kumplessa ta' evażjoni ma' Dimitry Aleksandrovich Beloglazov, biex ibigħ l-ishma ffriżati ta' STRABAG. Għal dak l-għan, il-kumpanija ta' Beloglazov LLC Titul (ibbażata fir-Russja) stabbiliet sussidjarja, JSC Iliadis (ibbażata fir-Russja), li akkwistat is-sehem ta' Deripaska f'Rasperia, u b'hekk ukoll l-ishma ta' STRABAG iffriżati. Deripaska rċieva benefiċċju ekonomiku ekwivalenti għall-bejgħ ta' Rasperia.	28.6.2024".